MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1060/1995/1

Peter **MONTEBELLO** u Francesca Montebello, miżżewġin flimkien

vs

Grezzju **AZZOPARDI** u Carmela Azzopardi, miżżewġin flimkien

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Lulju, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi miżżewġin Montebello talbu li din il-Qorti (a) xxolji il-kuntratt ta' appalt miftiehem bejn il-partijiet minħabba nuqqasijiet min-naħa tal-imħarrek; (b) tillikwida l-ammont dovut lilhom bi ħlas mill-imħarrkin għax-xogħol li laħaq sar; u (ċ) tikkundanna

lill-imħarrkin iħallsuhom il-prezz tax-xogħol hekk mogħti. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Azzopardi fil-15 ta’ April, 1996, li biha laqgħu għall-azzjoni tal-atturi billi qalu li l-istess imħarrek kien diġa’ ħall l-appalt għall-finijiet tal-artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili, u dan għaliex kellu raġunijiet tajba biex jagħmel dan. Ċaħdu wkoll li kien hemm xi ftehim li jitkellem dwar kif kellhom isiru l-ħlasijiet, u għalhekk ma jistax ikun li huma jaħtu għall-ksur ta’ ftehim li ma jeżistix;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta’ Mejju, 1996[1] li bih ħatret lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph M. Jaccarini bħala perit tekniku;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta’ Mejju, 2001[2], li bih u fuq talba magħmula mill-perit tekniku b’rikors tiegħu tal-10 ta’ Mejju, 2001, ħatret lil Joseph Gaffiero bħala perit kalligrafu biex jgħid ta’ min hija l-firma murija fuq fattura datata 24 ta’ Settembru, 1994;

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet rispettivament fil-31 ta’ Lulju, 2001[3] u t-23 ta’ Jannar, 2002[4], għall-kunsiderazzjoni tal-perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku (waħdu) fit-8 ta’ Marzu, 2002[5], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tas-16 ta’ Marzu, 2004[6];

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-18 ta’ Marzu, 2004[7], li biha talab il-ħatra ta’ periti addizzjonali, liema talba (flimkien ma’ oħra fejn kien talab li jappella mit-tassazzjoni tad-dritt taxxat lill-perit tekniku) irtira waqt is-smigħ tal-25 ta’ Mejju, 2004;

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 51 tal-proċess
[3] Paġġ. 52 – 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 59 – 60 tal-proċess
[5] Paġġ. 79 sa 104 tal-proċess
[6] Dan ġara minħabba li l-atturi kienu damu żmien biex iħallsu lill-Perit tekniku d-dritt taxxat minħabba li ma qablux mal-istess tassazzjoni
[7] Paġ. 183 tal-proċess

Rat ir-rapport imressaq mill-espert kalligrafu fil-25 ta' Mejju, 2004[8], u minnu maħluf waqt is-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2004;

Rat in-Nota ta' Tweġibiet imressqa mill-perit tekniku fit-12 ta' Ottubru, 2005[9], għall-mistoqsijiet magħmulin lilu mill-imħarrkin in eskussjoni;

Semgħet ix-xhieda tal-perit tekniku mressaq b'xhud tal-atturi in eskussjoni;

Rat ir-Relazzjoni Addizzjonali mressqa mill-Perit Tekniku fil-11 ta' Ottubru, 2006[10], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2007;

Rat in-Nota ta' Tweġibiet ulterjuri mressqa fil-15 ta' Ottubru, 2007[11], magħmula mill-perit tekniku fuq mistoqsijiet in eskussjoni tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2007[12], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, tat żmien biex is-sottomissjonijiet tal-għeluq isiru permezz ta' Noti ta' Osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-29 ta' Jannar, 2008[13];

Rat li l-imħarrkin baqgħu ma ressqux Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[8] Paġġ. 189 sa 196 tal-proċess
[9] Paġġ. 204 – 5 tal-proċess
[10] Paġġ. 216 – 220 tal-proċess
[11] Paġġ. 232 – 4 tal-proċess
[12] Paġ. 237 tal-proċess
[13] Paġġ. 238 sa 242 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' kuntratt ta' appalt minħabba n-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-kommittent. L-appaltatur irid ukoll jitħallas tax-xogħol li laħaq għamel. Huwa jgħid li l-imħarrkin kienu ftehmu miegħu li jħallsuh akkonti kull xahar sa tliet kwarti tal-prezz miftiehem mill-appalt kollu, filwaqt li l-ħlas tal-aħħar kwart jinżamm minnhom (bħala *retention money*) u jitħallas fi żmien xahar wara li jintemm l-appalt. L-attur jgħid li saru biss uħud mill-ħlasijiet akkont u waqfu. Billi l-imħarrkin ma żammewx mar-rabta tagħhom, irid li jinħeles milli jibqa' għaddej bl-appalt u li jitħallas tax-xogħol li laħaq temm;

Illi l-imħarrkin jilqgħu għal din l-azzjoni billi jgħidu li l-appalt kienu diġa' xoljewh huma għal raġuni tajba, u, f'kull każ, ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet dwar kif kellu jsir il-ħlas. Għalhekk, ma seta' jkun qatt li huma kienu inadempjenti dwar ftehim li ma jeżistix;

Illi għal dak li huma <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f'xi żmien lejn l-aħħar tal-1994, l-imħarrek qabbad lill-attur biex ikompli jqattagħlu ġiebja f'razzett li kellu mqabbel lilu mill-Gvern f'Bulebel iż-Żgħir fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar u li fih kellu xi serer. Ix-xogħol kien inbeda minn wieħed Pawlu Żammit imma ma kienx komplih. Għalhekk, l-imħarrek fittex lill-attur biex itemm hu x-xogħol. L-imħarrek ried li l-ġiebja tkun twila mitt pied[14], wiesgħa madwar ħamsa u ħamsin pied[15] u fonda erbgħin pied[16]. B'kollox, għalhekk, jidher li l-ġiebja kellha tkun ftit aktar minn sitt elef mitejn u sebgħa u għoxrin metru kubu (6,227 $m^3$). Ix-xogħol kellu jsir bir-rata ta' lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 1.50)[17] kull jarda kuba[18]. Din kienet rata favorevoli meta mqabbla mar-rati applikabbli dak iż-żmien, li kienu jvarjaw minn Lm 2.00 sa Lm 2.50 kull jarda kuba[19]. L-attur jgħid li l-ftehim kien li hu jitħallas tliet kwarti mill-imsemmi appalt bi ħlasijiet kull xahar, filwaqt li l-aħħar

[14] Jiġifieri 30.48 metri
[15] Jiġifieri 16.76 metri
[16] Jiġifieri 12.19 metri
[17] Li jġibu €3.50 fi flus tal-lum
[18] Li ġġib 0.765 metri kubi
[19] Xhieda tal-A.I.Ċ. J. M Jaccarini, f'paġ. 205 tal-proċess

kwart kellu jitħallas xahar wara li jintemm l-appalt. L-imħarrek jiċħad dan il-ftehim, għaliex jgħid li hu kien lest li jħallas sa mhux aktar minn elfejn lira (Lm 2,000);

Illi l-attur jgħid li beda jaħdem fi Frar tal-1995[20] u li kien ftiehem mal-imħarrek li x-xogħol mitlub itemmu fi żmien sitt (6) xhur. L-imħarrkin ħallsu lill-attur qrib erbat elef sitt mija u sittin euro (€ 4,660)[21] u waqfu. Inqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar liema xogħol kien se' jitħallas u f'Mejju tal-1995, l-attur kien għarraf lill-imħarrek li ma kienx se' jkompli u talbu jġib perit ħalli jkejjel ix-xogħol li kien sar sa dak iż-żmien. L-imħarrek ma riedx u talbu jneħħi l-inġenji tiegħu mil-lant minnufih jew jarmilu kollox barra t-triq[22];

Illi l-kawża nfetħet f'Lulju tal-1995;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-każ jaqgħu fuq żewġ kwestjonijiet: l-ewwel u l-aktar waħda ewlenija tirreferi għall-kundizzjonijiet ta' għoti tal-appalt (u dan ukoll għaliex marbuta magħha hemm il-kwestjoni tar-raġunijiet li wasslu għall-ħall tal-kuntratt) u t-tieni waħda tirreferi għall-kejl tax-xogħol li l-attur laħaq wettaq;

Illi l-liġi trid li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun inbeda diġa'[23]. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm[24]. Madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valr tax-xogħol, wara li jitieħdu b'qies l-utitlita' li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt[25]. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun

[20] Xhieda tiegħu 14.2.1997, f'paġ. 107 tal-proċess
[21] Lm 2,000
[22] Xhieda tal-attur 14.2.1997, f'paġ. 107 tal-proċess
[23] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[24] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[25] Art. 1640(3) tal-Kap 16

temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu[26];

Illi f'dan il-każ il-ftehim sar bil kliem bejn l-attur u l-imħarrek u ma kien hemm ħadd magħhom meta ftiehmu. Lanqas niżżlu dak li ftehmu f'xi sura ta' kitba biex tixhed dwar dak li qablu dwaru u biex tmexxihom fuq il-ftehim milħuq;

Illi **dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm qabel il-waqt** jingħad li mill-provi mressqa jeżistu verżjonijiet tal-partijiet li ma jaqblux bejniethom. Filwaqt li l-attur jgħid li hu waqaf mix-xogħol għaliex l-imħarrek ma żammx mal-ħlasijiet miftehma, l-imħarrek qal li kien hu li temm l-appalt minħabba li l-attur ma kienx qiegħed jaħdem b'mod regolari u kien jaqbad ix-xogħol meta jfettillu u jitlaq għal jiem sħaħ bla ma jersaq lejn il-lant tax-xogħol;

Illi l-perit tekniku ma wasal għall-ebda fehma dwar dan għajr li iddikjara – u hawnhekk għamel sewwa – li deherlu li din kienet kwestjoni ta' dritt li tmur lil hinn mill-kompetenza teknika tiegħu, u semma biss id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi wara li l-Qorti qieset b'reqqa l-provi mressqa, waslet għall-fehma li r-raġuni vera li wasslet għat-temm tal-appalt ma kinitx ħtija tal-attur. Jidher li r-raġuni li minħabba fiha twaqqaf l-appalt kienet waħda li tiddependi għal kollox mir-rieda tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom;

Illi huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li,

[26] Art. 1640(2) tal-Kap 16

għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent. Iżda jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[27] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[28];

Illi l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita' tintemm jekk kemm-il darba l-appaltant iqabbad minn rajh li ħaddieħor itemm ix-xogħlijiet jew jirranġahom[29] u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita' li jagħmel dan;

Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[30];

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-kommittent biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista'

---

[27] Art. 1068 tal-Kap 16
[28] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***
[29] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***
[30] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et***

jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizżazzjoni tal-Qorti għal dan[31];

Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-kommittent ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[32];

Illi l-Qorti ssib li ladarba l-imħarrek innifsu jgħid li ma kienx miftiehem kif l-attur kellu jwettaq ix-xogħol u lanqas f'kemm żmien kellu jitlesta, l-allegazzjoni tiegħu li kien l-attur li beda jitnikker u jaqa' lura fl-appalt ma tistax tittieħed bħala s-sewwa. Għall-kuntrarju, mill-provi tekniċi maħruġa mill-perit imqabbad mill-imħarrek innifsu, wieħed seta' jara li fit-tliet (3) xhur li l-attur tħalla jaħdem fis-sit laħaq wettaq bosta xogħol li jlaħħaq minn tal-anqas għal elf erba' mija u disgħa u tmenin metru kubu (1,489 $m^3$) ta' blat maqtugħ[33] . Minbarra dan, l-imħarrek ma ressaq l-ebda prova jew imqar allegazzjoni li x-xogħol mogħti mill-attur kien ħażin jew ma kienx kif titlob is-sengħa. B'żieda ma' dan, fil-każ tal-appaltatur imqabbad qabel l-attur, irriżulta wkoll li dan kien twaqqaf mill-imħarrek kiesaħ u biered, bla ma ngħata raġuni u bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa[34]. Fuq kollox, ma jista' jkun qatt li huwa minnu – kif jgħid l-imħarrek – li l-attur dam wieqaf mix-xogħol "fuq sena"[35], meta jirriżulta li l-attur beda x-xogħol fi Frar tal-1995, u kien twaqqaf għal kollox f'Mejju ta' dik l-istess sena;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti ssib li l-attur twaqqaf mill-appalt mhux għal raġuni valida, iżda għal deċiżjoni arbitrarja tal-imħarrkin, jew min minnhom;

Illi minħabba li l-Qorti waslet għal din il-fehma wkoll, u fid-dawl tal-effetti kommissorji li jseħħu minnufih hekk kif kommittent jagħżel li jtemm l-appalt li jkun ta, jiġi li l-ewwel talba tal-atturi hija eżawrita (għalkemm ma jistax jingħad li

---

[31] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[32] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[33] § 4.2 tar-Relazzjoni
[34] Xhieda ta' Pawlu Żammit 13.7.2000, f'paġ. 181 tal-proċess
[35] Xhieda tiegħu 24.4.1998, f'paġ. 109 tal-proċess

saret għal xejn, kif ingħad aktar ’il fuq). Fil-fatt jidher li l-attur ukoll kien aċċetta li l-appalt kien intemm u dan hekk kif neħħa mil-lant l-inġenji tiegħu u kif kien hedded li jagħmel jekk ma jsirlux ħlas ieħor akkont;

Illi **dwar l-ammont ta’ xogħol imwettaq u jekk huwiex dovut ħlas għalih** ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-appalt li l-attur kien tqabbad jagħmel kien dak li jkompli jqatta’ l-blat biex jifforma l-bokka tal-ġiebja li kellu f’moħħu l-imħarrek. Dan kien jgħodd fih ukoll il-ġarr tal-materjal maqtugħ. Fi kliem ieħor, fin-nuqqas ta’ ftehim ta’ appalt bil-miktub, l-atti tal-kawża juru li l-attur ma tqabbadx biex jikkonsenja u jibni l-ġiebja mitmuma b’kollox. Dan qiegħed jingħad għaliex, speċjalment fir-rigward tat-tieni perizja teknika, ingħatat insistenza dwar kemm kienu għadhom iridu jsiru spejjeż mill-imħarrkin biex itemmu x-xogħlijiet kollha. L-attur ma jista’ qatt jinżamm responsabbli għal xogħlijiet li huwa qatt ma tqabbad li jwettaq. Jidher ukoll li, minkejja li l-perit tekniku kien għamel mill-anqas tliet aċċessi u ħa l-kejl meħtieġ sa l-1998, l-imħarrkin lanqas qabbdu lil ħaddieħor jew komplew bix-xogħlijiet;

Illi bi tħaddim tal-prinċipji tal-liġi li jgħoddu għall-każ, u ladarba l-Qorti diġa’ waslet għall-fehma li l-imħarrkin ma kellhomx raġuni tajba għaliex iwaqqfu lill-attur milli jkompli dak li qabbduh, jiġi li l-attur jixraqlu jitħallas tal-ispejjeż kollha u x-xogħol tiegħu flimkien ma’ somma oħra li din il-Qorti (jekk ikun il-każ) tqis li kien ikun il-qligħ li l-attur kien jaqla’ kieku temm l-appalt;

Illi biex jitqies sewwa x’ħaqqu jitħallas l-attur, jeħtieġ li wieħed jasal biex jiddetermina x’xogħol laħaq wettaq sa ma twaqqaf. Dwar dan fl-atti tal-kawża hemm nuqqas ta’ qbil, ukoll minħabba l-fatt li l-attur daħal jaħdem fuq xogħol li kien diġa’ beda (u ma temmx) ħaddieħor qablu. Fuq kollox, ix-xogħol kien jinvolvi tqattigħ ta’ blat, liema xogħol minnu nnifsu – minkejja t-teknika u s-sengħa – huwa iebes ħafna biex tkejlu bl-eżatt;

Illi l-Perit tekniku jidher li qies il-fatti kollha ewlenin u ħadem fuq ix-xhieda mressqa, u rabat dik ix-xhieda mal-

kejl li huwa nnifsu għamel fuq il-post. Huwa jidher li fela x-xhieda mogħtija mill-perit arkitett imqabbad mill-imħarrek, qabbilha b'mod kritiku max-xhieda tal-attur u tal-kuntrattur li kien ħadem qablu, u wasal għall-fehma li l-kalkoli tal-imsemmi perit *ex parte* kienu ta' min joqgħod fuqhom dwar il-kejl ta' xogħol li sar mill-kuntrattur ta' qabel ħadem l-attur[36]. Il-perit tekniku baqa' jtenni dawn il-fehmiet ukoll meta ttella' jixhed in eskussjoni[37] u ta spjegazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha, miżuna wkoll bil-kejl imniżżel bil-miktub li kien sar mill-perit imqabbad mill-imħarrek kemm qabel ma beda jaħdem l-attur[38] (jiġifieri kif kien ħalla x-xogħol Pawlu Żammit) u kif ukoll wara li l-attur kien twaqqaf mill-appalt[39]. Fuq kollox, ix-xhieda u l-kalkoli tal-perit *ex parte* tal-imħarrkin hija x-xhieda waħdanija, essenzjali u ta' min joqgħod fuqha li setgħet titressaq biex tagħti ħjiel tax-xogħol li kien laħaq wettaq il-kuntrattur li kien tqabbad qabel ma kien tqabbad l-attur. Fi kliem ieħor, dik hija l-aħjar xhieda li setgħet titressaq u li l-Qorti (bil-konferma tal-perit maħtur minnha) tista' toqgħod fuqha[40]. Ta' min ifakkar ukoll li waħda mill-aċċertamenti tekniċi li nieda l-perit tekniku fil-qadi tal-ħatra tiegħu kien *level survey* determinat b'mod sezzjonali[41]. Dawn ir-riżultanzi wkoll qabbilhom mal-kalkoli li kien għamel il-perit imqabbad *ex parte* mill-imħarrkin;

Illi l-perit tekniku wasal għall-fehma li l-attur qatta' b'kollox elf disa' mija u sitta u erbgħin jarda kuba u nofs (1,946.52 $j^3$) li jġibu elf erba' mija u disgħa u tmenin metru kubu (1,489 $m^3$). Dan wasal għalih billi, mill-kejl li għamel huwa fuq medda ta' tliet aċċessi fuq il-post, naqqas dak li rriżulta lill-ewwel perit arkitett imqabbad mill-imħarrkin bħala l-qtugħ li kien għamel l-ewwel appaltatur li ħadem qabel l-attur u b'hekk silet l-ammont ta' blat maqtugħ mill-attur;

Illi l-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex għandha twarrab din il-fehma teknika, u lanqas ma jidher li jeżistu

[36] Ara §§ 3.9 u 3.24 tar-Relazzjoni
[37] Ara paġġ. 229 u 230 tal-proċess
[38] Dok "CM1", f'paġ. 162 tal-proċess
[39] Dokti "GA1" u "GA1a", f'paġġ. 154 – 5 tal-proċess
[40] Art. 559 tal-Kap 12
[41] Dokti "JMJ1" u "JMJ2", f'paġġ. 124 – 5 tal-proċess

provi oħrajn pożitivi biex il-Qorti tagħżel lilhom minflok il-fehmiet tal-perit tekniku.  Dawn il-fehmiet ma jibqgħux opinjonijiet imma jissarfu fi provi ta' fatt li qorti tista' toqgħod fuqhom u li m'għandhiex twarrabhom jekk kemm-il darba ma jirriżultawx irraġonevoli jew neqsin minn rabta loġika mal-fatti l-oħrajn jew miċ-ċirkostanzi pruvati tal-każ. Fis-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq, l-atturi stiednu lill-Qorti twarrab il-fehmiet tal-perit tekniku, imma ma wrewhiex ma' liema fatti oħrajn li jinsabu fl-atti kellha tasal għal fehma differenti minn tiegħu;

Illi għalhekk lanqas huwa meħtieġ li l-Qorti tintilef fuq il-kwestjoni ta' kemm tassew tħallas Pawlu Żammit u jekk kienx il-każ li xi riċevuti maħruġin kinux imbagħbsin jew saħansitra kopji ta' oħrajn maħruġin qabel.  Dan jingħad għaliex il-kwestjoni mertu ta' din il-kawża m'hijiex kemm qata' blat Pawlu Żammit u kemm tħallas ta' dak ix-xogħol (fil-fatt kien għamel xogħol ieħor lill-imħarrek u tiegħu, f'biċċa minnu, kien tħallas bi tpartit f'materjal u xtieli tas-siġar), iżda kemm wettaq xogħol l-attur u kemm jistħoqqlu jitlob għal dak ix-xogħol;

Illi, minbarra dan, il-perit tekniku sab ukoll li l-attur qata' rampa f'ġenb tal-ħofra tal-ġiebja u wasal għall-fehma li din hija ta' ġid u fejda lill-imħarrkin, u li ma kinitx tmur lil hinn mill-ħatra li l-attur kien ingħata fl-appalt.  Ta r-raġunijiet tiegħu ukoll għaliex qies dan[42].  Kejjel it-tqattigħ li sar biex tħalliet ir-rampa u sab li kienu tneħħew madwar seba' mija u tmenin jarda kuba (787 $j^3$) ta' materjal;

Illi l-perit tekniku qies ukoll kemm kellhom bżonn jonfqu l-imħarrkin biex ineħħu l-blat imqatta' li l-attur ma laħaqx ġarr 'il barra mil-lant sa ma twaqqaf mill-appalt.  Il-perit tekniku qies li l-volum ta' materjal maqtugħ u li tħalla fil-lant jitla' għal madwar erba' mija u sittin jarda kuba (460 $j^3$).  Din in-nefqa trid titnaqqas mill-ħlas li l-attur seta' jippretendi, ladarba l-ftehim kien li huwa kellu jnaddaf il-lant minn dak il-materjal li jkun qatta';

[42] Ara §§ 3.10 sa 3.12 tar-Relazzjoni

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-**kumpens dovut lill-attur**. Fi kwestjoni li tirrigwarda l-ħlas dovut lill-appaltatur fejn ix-xogħol mogħti f'appalt ma jkunx intemm kollu, jgħodd wisq il-ftehim dwar kif kellu jsir il-ħlas. Hekk, per eżempju, jekk il-prezz ikun ġie fissat għal kull unita', l-appaltatur ikollu dritt jitħallas tax-xogħol magħmul, filwaqt li jekk kemm-il darba l-prezz miftiehem ikun wieħed għax-xogħol kollu, l-appaltatur ma jistax jippretendi l-ħlas jekk ix-xogħol ma jkunx intemm u ma jkunx sar sewwa[43];

Illi fil-każ tal-lum, mill-kalkoli li wasal għalihom il-perit tekniku, ħareġ li l-attur qatta' b'kollox elfejn seba' mija u erbgħa u għoxrin punt tmienja-disgħa jardi kubi ( 2,724.89 $j^3$) ta' materjal. Din is-somma tgħodd fiha t-tqattigħ li sar biex tħalliet ir-rampa. Meta wieħed jaħdem dan il-kejl kollu u japplika għalih ir-rata ta' ħlas miftehma, wieħed jasal għall-konklużjoni li l-attur kellu jedd jitħallas erbat elef u sebgħa u tmenin lira Maltin u erbgħa u tletin ċenteżmi (Lm 4,087.34)[44]. Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma tal-ħlas li sarlu mill-imħarrkin (jiġifieri Lm 2,000)[45], u kif ukoll l-ispejjeż li l-imħarrkin riedu jħallsu biex ineħħu mis-sit il-materjal imqatta' li l-attur ma laħaqx neħħa hu (Lm 450)[46]. Dan iġib total ta' tlitt elef tmien mija u erbatax-il euro (€ 3,814);

Illi l-Qorti tqis li meta l-attur aċċetta r-rata tal-ħlas miftehma mal-imħarrek, kien qatagħha li b'dik ir-rata ma kienx se' jaħdem bit-telf, ukoll jekk il-perit tekniku deherlu li r-rati applikabbli fiż-żmien kienu ogħla. Il-Qorti qiegħda allura tqis li meta waslet għal-likwidazzjoni tas-somma mistħoqqa kienet qiegħda wkoll tieħu ħsieb tikkumpensah dwar x'kien ikun il-qligħ mistenni minnu li kieku tħalla jwassal sa tmiemu l-appalt mogħti lilu;

Illi kif ingħad qabel, il-Qorti m'hijiex sejra tqis il-fehmiet tal-perit tekniku dwar l-ispejjeż li jridu jonfqu l-imħarrkin biex itemmu x-xogħlijiet ħalli l-ġiebja tkun tista' timtela' bl-ilma.

---

[43] Ara, per eżempju, P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***

[44] Li jġibu € 9,520.94 fi flus tal-lum

[45] Li jġibu € 4,658.75 fi flus tal-lum

[46] Li jġibu € 1,048.22 fi flus tl-lum

Dawn l-ispejjeż huma kollha xogħlijiet li l-imħarrkin xorta waħda u dejjem riedu jonfqu biex jitlesta x-xogħol, u li kienu jmorru lil hinn mill-appalt mogħti lill-attur. Forsi kien ikun iżjed meħtieġ li l-perit tekniku jintalab li jgħid kemm kien jiswa x-xogħol biex it-tqattigħ li kien għad fadal għat-tħaffir tal-ġiebja jintemm, l-aktar meta jidher li mill-kejl tal-perit innifsu jirriżulta li t-tħaffir li kien sar sa ma twaqqaf l-attur kien bejn wieħed u ieħor nofs dak li kellu jkun kieku l-ġiebja tħaffret kollha. Iżda l-ebda parti mir-Relazzjoni Addizzjonali tal-imsemmi perit ma jidher li tkopri dan l-aspett. Fin-nuqqas ta' provi dwar dan u fin-nuqqas ta' sottomissjonijiet mill-partijiet, il-Qorti tagħżel li tqis li din il-kwestjoni m'hijiex quddiemha;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-imħarrkin għad fadlilhom iħallsu lill-atturi s-somma ta' tlitt elef tmien mija u erbatax-il euro (€ 3,814);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba** ladarba l-appalt inħall hekk kif l-imħarrek waqqaf lill-attur milli jkompli bix-xogħlijiet, bla ma jeħtieġ li l-Qorti tiddikjara x-xoljiment tal-istess appalt, kif irid l-artikolu 1640(5) tal-Kodiċi Ċivili;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħlas li l-atturi jistħoqqilhom jingħataw mill-imħarrkin fis-somma ta' tlitt elef tmien mija u erbatax-il euro (€ 3,814**);**

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-atturi s-somma ta' € 3,814 hawn fuq imsemmija, flimkien mal-imgħax legali fuqha b'seħħ millum **sa**l-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------